MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 537/1996/2

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2007. Huwa importanti li jigi nnutat mill-ewwel li din hi t-tieni sentenza li din il-Qorti qed taghti fl-ismijiet premessi u bin-numru 537/96 – kif ser naraw l-ewwel wahda kienet fit-8 ta' Jannar 2007, u ghalkemm in-numru tar-rikors huwa l-

istess, l-inizjali ta’ l-Onor. Imhallef li ppresjeda l-Prim Awla huma differenti (f’dik tat-8 ta’ Jannar 2007 is-sentenza appellata kienet indikata bhala 537/96 AJM – dik odjerna hija 537/96 RCP).

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din is-sentenza li minnha qed isir appell huma, brevement, is-segwenti. B’rikors presentat quddiem il-Prim Awla fl-1996, Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq allegat li proprjeta` fil-belt appartenenti lilha kienet giet esproprjata mill-Gvern taht titolu ta’ pussess u uzu wara dikjarazzjoni ta’ l-allura Gvernatur ta’ Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-25 ta’ Frar 1958; illi l-Gvern in segwitu allokaha lil terzi; illi l-Gvern kien qed ihallas kumpens irrizorju ghall-*possession and use* ta’ din il-proprjeta` li hija effettivament palazz li jinsab il-Belt Valletta; illi dana kollu kien leziv tad-dritt fondamentali taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha kemm minhabba li kien nieqes l-interess pubbliku jew skop pubbliku ghall-ittehid tal-fond kif ukoll minhabba l-kumpens inadegwat li hija kienet qed tircievi. Wara li ppremettiet dan kollu u wara li invokat l-Artikoli 6 u 16 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni, ir-rikorrenti talbet lill-Prim Awla tiddikjara irritu u null l-imsemmija detenzjoni tal-fond taht titolu ta’ pussess u uzu, u li taghtiha dawk ir-rimedji li jidhrilha opportuni *“inkluzi d-dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta’ dawk il-partijiet tal-ligi li tippermetti l-kontinwata detenzjoni tal-fond fuq imsemmi taht titolu ta’ pussess u uzu, senjatament l-Artikolu 9(1) tal-Kap. 88, u tillikwida favur l-istess rikorrenti dawk id-danni li hija sofriet bil-konsegwenza tat-trattament illegali kif fuq inghad.”*

**3.** B’sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-<u>18 ta’ Jannar 1999</u>, dik il-qorti ddecidiet hekk:

**“1. tiddikjara l-uzu li qed isir mill-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma’ 69 Triq l-Ifran, Valletta ma jissodisfax ir-rekwiziti ta’ l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma jirrizultax l-interess pubbliku u ghalhekk tiddikjara li l-Esproprjazzjoni li sehhet bid-dikjarazzjoni tal-**

**Gvernatur pubbblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar 1958 bhala nulla u bla effett u konsegwentement tordna li l-fond imsemmi jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti;**

**“2. tiddikjara li gew lezi mill-intimati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu sitta tal-Konvenzjoni Ewropea inkwantu l-kaz tar-rikorrenti konsegwenti l-Esproprju tal-1958 ma nghatax smigh xieraq fi zmien ragjonevoli;**

**“3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**“4. tirriserva li tipprovdi dwar it-talba ghall-kumpens fi stadju ulterjuri kemm-il darba dan ikun mehtieg.**

**“Spejjez ghall-intimati.”**

**4.** L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet appellaw minn din is-sentenza b'rikors prezentat fil-25 ta' Jannar 1999. B'sentenza moghtija, kif inghad, fit-8 ta' Jannar 2007 din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – varjat is-sentenza tal-Prim Awla bil-mod kif ser naraw. Fil-kors tal-konsiderandi taghha, din il-Qorti qalet, *inter alia*, hekk:
**“Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, fil-kaz in dizamina hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll minhabba li l-appellata (u qabilha l-awturi taghha) qed tigi mitluba ggorr *“a disproportionate burden”*…Hawn ghandna dar bil-Belt Valletta, li fl-1998 giet stamata li tiswa' ‘unoccupied and in the open market', Lm800,000, li s-sidien ilhom privi mit-tgawdija pacifika taghha mill-1958, u li l-Gvern sa issa qed joffrilhom biss bhala kumpens ghall-pussess u uzu taghha s-somma ta' Lm210 fis-sena, meta mill-istess dar qed jigi rikavat dhul ghall-**

**MTMC[1] ta' bejn hamest elef u sitt elef lira fis-sena. Din l-interferenza mhix issir f'xi ambitu ta' politika ta' *social housing* – fejn wiehed neccessarjament ghandu jaghti margini aktar wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Ezekuttiv – izda fil-kuntest ta' attivita` kulturali. Kif tajjeb osservat l-appellata fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell: *'Huwa pero` stramb li wiehed jista' jargumenta li cittadin wiehed f'Malta ghandu jbati l-piz tat-teatru billi l-qligh kollu li jsir minn dik il-proprjeta` tieghu tinghata lil dak it-teatru b'sussidju ghall-fondi tieghu'.* Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma s-sejbien ta' l-ewwel Qorti li fil-kaz *de quo* hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan minkejja l-fatt li rrizulta li l-fond in kwistjoni gie in parti restawrat minn fondi pubblici – dana l-fatt ghandu, se mai, jittiehed in konsiderazzjoni fl-istadju meta jigi stabblit il-kumpens pretiz.**

**"Kwantu ghall-gravam u oggezzjoni ta' l-appellanti li hawn si tratta ta' fatti u cirkostanzi li avveraw ruhhom qabel it-30 ta' April 1987, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghas-sentenza taghha, aktar 'l fuq diga` msemmija, tat-28 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet *Pawlu Cachia v. Avukat Generali et.* Bhal f'dik il-kawza, fil-kaz odjern ghandna wkoll mhux att istantanju – anke jekk b'konsegwenzi permanenti – izda <u>stat ta' fatt permanenti</u>. Ghalhekk l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 ma hu, f'dan il-kaz, ta' ebda ostakolu ghad-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni, kif ukoll ghad-dikjarazzjoni lid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958 hija nulla u bla effett u ghall-ordni ta' rilaxx immedjat tal-fond lir-rikorrenti appellata. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dan hu r-rimedju gust ghall-vjolazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Prtokol. Fl-ahharnett l-appellanti jilmentaw dwar ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti. Kif diga` gie accennat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-annullament tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur u l-ordni ghar-rilaxx**

[1] Manoel Theatre Management Committee.

**immedjat tal-fond huwa, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed gust, fil-konfront tal-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Jigi osservat li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, accennat ghal kumpens pekunjarju fil-kuntest biss ta' l-Artikolu 6, u mhux fil-konfront ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll; u din il-Qorti mhix qed issib vjolazzjoni ta' l-Art. 6."**

**5.** Wara, fost ohrajn, dawn il-konsiderandi, din il-Qorti ddecidiet hekk:

**"Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li <u>tikkonfermaha</u> (i) f'dik il-parti fejn iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958, (ii) fejn ordnat li l-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma' 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, jigi rilaxxjat favur ir-rikorrenti appellata (bil-precisazzjoni li l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzjonalita` u bilanc kif aktar 'l fuq spjegat f'din is-sentenza), (iii) fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u <u>thassarha u tirrevokaha fil-bqija</u>. Jibqa' riservat kull dritt spettanti lir-rikorrenti appellata ghall-hlas dovut lilha ghall-okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta` in kwistjoni fuq il-medda taz-zmien. Kwantu ghall-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mill-appellanti solidament bejniethom u kwantu ghal kwarta [parti] mill-appellata Agnes Gera de Patri Testaferrata Bonici Ghaxaq."**

**6.** Kif jidher car din il-Qorti kienet <u>hassret</u> dik il-parti tas-sentenza tal-Prim Awla li tghid "Tirriserva li tipprovdi dwar it-talba ghal kumpens fi stadju ulterjuri kemm-il darba dan ikun mehtieg" u dan ghar-raguni semplici li l-kumpens il-Prim Awla kienet <u>qed tirravvizah biss bhala rimedju ghall-ksur ta' l-Artikolu 6</u>, mentri din il-Qorti ma sabet ebda ksur ta' l-imsemmi artikolu. Din il-Qorti anqas ma rrinvjat l-atti lura lill-Prim Awla biex l-istess Prim Awla

tkompli tiehu konjizzjoni ta' xi haga, ghax kien ovvju mid-*decide* tat-8 ta' Jannar 2007 li d-"dritt spettanti lir-rikorrenti…ghall-hlas dovut lilha ghall-okkupazzjonu u uzu minn terzi tal-proprjeta` in kwistjoni fuq il-medda taz-zmien" li kien qed jigi lilha "riservat" kien dritt li talvolta seta' jigi rivendikat bi proceduri ordinarji u mhux b'dawk straordinari bhalma huma proceduri kostituzzjonali.

**7.** Minkejja dan, Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq ipprezentat rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu talbet li l-kawza li kienet ghadha kif giet definittivament deciza mill-Qorti Kostituzzjonali tigi riappuntata [quddiem il-Prim Awla] ghas-smigh a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 u biex il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) tiddeciedi wkoll it-talba taghha ghal-likwidazzjoni u l-hlas lilha tad-danni li hija sofriet bil-konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha. Il-Prim Awla, bis-sentenza taghha tad-29 ta' Novembru 2007 cahdet din it-talba, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi din id-decizjoni titratta dwar ir-rikors li sar mill-intimati odjerni fejn opponew ghat-talba kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti datat 15 ta' Jannar 2007 fejn l-istess rikorrenti talbet li wara d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali datata 8 ta' Jannar 2007, l-kawza terga tigi riappuntata quddiem din il-Qorti ta' prim istanza abbazi ta' l-**artikolu 235 tal-Kap 12**, peress li qed jinghad mill-istess rikorrenti li permezz ta' l-istess decizjoni l-qorti ma ddecidietx u ma ddisponietx mit-talba taghha ghal-likwidazzjoni u hlas lilha tad-danni sofferti bil-konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet taghha, u dan ghaliex l-istess intimati qed isostnu li l-**artikolu 235 tal-Kap 12** jappplika biss ghas-sentenza ta' l-ewwel grad; u fit-tieni lok inghad li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 iddeciediet il-kawza kollha fis-sens li t-talbiet kollha tar-rikorrenti gew decizi fit-totalita' taghhom u *"talba odjerna tammonta ghal talba biex terga' tigi deciza t-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni ghall-ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol (l-unika artikolu li nstab li kien gie vjolat) meta z-zewg Qrati idecidew illi l-ordni biex il-fond jigi rillaxxat lir-rikorrenti kien rimedju sufficjenti ghal dak il-*

*ksur,* u b’hekk l-istess intimati qed jitolbu li: (1) thassar u tirrevoka d-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 2007 illi permezz tieghu ordnat illi din il-kawza tigi riappuntata ghas-smigh u li permezz tieghu ukoll, abbazi tal-fatti kif prezentati mir-rikorrent biss, regghet fethet l-istadju tal-gbir tal-provi f'din il-kawza billi tat zmien lir-rikorrenti biex iggib provi bl-affidavit, u (2) tordna l-isfilz ta' kull affidavit li seta’ gie prezentat mir-rikorrent in segwitu ghall-istess digriet, u (3) tikkancella l-kawza odjerna minn fuq il-lista ta' kawzi mqeghda ghas-smigh *stante* illi l-istess kawza giet deciza finalment bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007.

“Illi min-naha taghhom ir-rikorrenti jsostnu li l-procedura saret sew skond l-**artikolu 235 tal-Kap 12** peress li t-talba ghar-riappuntament qed issir proprju ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-kwistjoni ta’ kumpens tant li halliet tali talba ghal-likwidazzjoni ulterjuri u fit-tieni lok isostnu li l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ma ddeciditiex il-punt ta’ kumpens u dan peress li t-talba ghall-kumpens ma kenitx biss diretta ghall-ksur tad-dritt tas-smigh xieraq vantat mir-rikorrenti izda wkoll ma ksur tad-dritt ta’ proprjeta`.

“Illi ovvjament dan kollu jfisser li jekk l-intimati ghandhom ragun ikun ifisser li l-kawza fl-ismijiet premessi tkun giet finalment deciza fit-8 ta’ Jannar 2007 u b’hekk ir-rikors tar-rikorrenti tal-15 ta’ Jannar 2007 jigi michud u kull ordni li tkun inghatat konsegwenti ghall-istess rikors tal-15 ta’ Jannar 2007 jigu wkoll ddikjarati nulli u bla effett u kancellati; min-naha l-ohra jekk dan ma huwiex il-kaz irid jigi ezaminat jekk tali talba taqax taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 235** u biss f’kaz ta’ ezitu posittiv jigi deciz dak li allegatament ma giex deciz.

“Illi sabiex isir dan l-ezercizzju wiehed irid ihares lejn dak li gie deciz fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha datata 18 ta’ Jannar 1999 u wkoll dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Jannar 2007.

“Illi fis-sentenza tal-prim’istanza datata appuntu 18 ta’ Jannar 1999 (fol. 278 tal-process) inghad li l-fond 115,

Triq it-Teatru, kantuniera ma' numru 69, Triq l-Ifran, il-Belt, Valletta, gie esproprejat b'titolu ta' pussess u uzu fil-25 ta' Frar 1958 u dam zmien ma jintuza u izda fis-sena 1991 partijiet mill-imsemmi fond inghataw lill-entitajiet kummercjali u ddikjarat li dak l-uzu ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-**Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea** u ghalhekk iddikjarat tali tehid bhala null; gie deciz ukoll li kien hemm lezzjoni ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, u dwar rimedji ddecidiet li kwantu ghall-ksur ta' l-**Ewwel Artikolu** d-dikjarazzjoni li l-espropriazzjoni maghmula fin-1958 hija nulla hija sufficjenti mentri r-rimedju ghall-ksur ta' l-**artikolu 6** jista' jkun biss wiehed finanzjarju u peress li dan jehtieg il-valutazzjoni tal-valur lokatizzju tal-fond u minhabba dak li nghad minnha l-ewwel paragrafu ta' pagna 15 tas-sentenza taghha irriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri ghat-talba ghall kumpens dovut lir-rikorrenti u ghalhekk:-

*""(1) Iddikjarat li l-uzu li qed isir mill-fond 115, Triq it-Teatru, Triq l-Ifran, Valletta ma jissodisfax ir-rekwizi tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma jirrizultax li sar fl-interess pubbliku u ghalhekk tiddikjara l-esproprjazzjoni li sehhet bid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Frar 1958 bhala nulla u bla effett u konsegwentment tordna li l-fond imsemmi jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti; (2) Tiddikjara li gew lezi mill-intimati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-artikolu sitta tal-Konvenzjoni Ewropea inwkantu l-kaz tar-rikorrenti konsegwenti l-esproprju tal-1958 ma inghatax smigh xieraq fi zmien ragonevoli; (3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; (4) Tirrizerva li tipprovdi dwar it-talba ghall-kumpens fi stadju ulterjuri kemm-il darba dan ikun mehtieg"*.

"Illi l-intimati appellaw minn tali decizjoni izda l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 2007 fil-waqt li kkonfermat li f'dan il-kaz kien hemm vjolazzjoni ta' l-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** (pagna 24 tas-sentenza) u inkluz ukoll *"li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dan huwa rimedju*

*gust ghall-vjolazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol";* izda min-naha l-ohra ma sabitx li kien hemm vjolazzjoni ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, u b'hekk l-appell ta' l-intimati fuq dan il-punt u f'dan il-kuntest gie akkolt u dwar ir-rimedju sostniet li:-

*""17. Fl-ahharnett l-appellanti jilmentaw dwar ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti. Kif diga' gie accennat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-annullament tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur u l-ordni ghar-rilaxx immedjat tal-fond lir-rikorrenti huwa, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed gust, fil-konfront tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Jigi osservat li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, accennat ghall-kumpens pekunarju fil-kuntest biss ta' l-Artikolu 6, u mhux fil-konfront ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol; u din il-Qorti mhix qed issib vjolazzjoni ta' l-Art, 6.*

*""Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li <u>tikkonfermaha</u> (i) f'dik il-parti fejn iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958, (ii) fejn ordnat li l-fond 115 Triq it-Teatru kantuniera ma' 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti appellata (bil-precisazzjoni li l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tikkonsisti fin-nuqqas ta' propozjonalita' u bilanc kif aktar 'l fuq spejgat f'din is-sentenza), (iii) fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghad-dikjarazzjoni li fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm diskriminazzjoni ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u <u>thassarha u tirrevokaha fil-bqija.</u> Jibqa' riservat kull dritt spettanti lir-rikorrenti appellata ghall-hlas dovut lilha ghall- okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta' in kwistjoni fuq il-medda taz-zmien. Kwantu ghall-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mill-appellanti solidalment bejniethom, u kwantu ghal kwart mill-appellata Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq".*

"Illi minn qari tal-istess zewg sentenzi jirrizulta lil din il-Qorti li l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qablet ma l-Ewwel Qorti fejn sabet li kien hemm ksur ta' l-**artikolu 1 ta' l-**

**Ewwel Protokol** u konsegwentement iddikjarat nulla u bla effett id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur tal-25 ta' Frar 1958 u ordnat li l-fond 115 Triq it-Teatru, kantuniera ma' 69 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, jigi rilaxxat favur ir-rikorrenti ukoll u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikkonfermat li dan huwa rimedju gust ghall-vjolazzjoni ta' l-imsemmi **artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol**; fil-fatt dan huwa ezatt ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti f'pagna 14 tas-sentenza taghha u cjoe`:-

*"'Illi r-rimedju ghall-ksur ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea hija d-dikjarazzjoni li l-Esproprjazzjoni maghmula fl-1958 hija nulla, din ghandha tkun sufficjenti".*

"Illi dan ma jistax hlief ifisser li t-talba tal-kumpens [recte: ghal kumpens] li l-Ewwel Qorti rriservat li tiddeciedi fi stadju ulterjuri kemm-il darba dan ikun mehtieg kienet biss limitata bis-sentenza ta' l-istess Qorti tal-prim'istanza ghall-ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

"Illi ghalhekk la darba l-Qorti Kostituzzjonali rrevokat dik il-parti tad-decizjoni tal-Qorti tal-prim'istanza fejn l-istess Qorti kienet sabet li kien hemm ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenjzoni**, tant li l-Qorti Kostituzzjonali sabet li f'dan il-kaz ma kienx hemm ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, allura jsegwi li ma kienx hemm izjed kumpens x'jigi likwidat jew rikjamat favur ir-rikorrenti f'din l-istanza kostituzzjonali u fil-fatt l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sostniet dan f'paragrafu 17 (pagna 27) tal-istess sentenza taghha, liema paragrafu gie hawn fuq citat u fejn jinghad b'mod car li dwar rimedju ghall-fini ta' **l-ewwel artikolu** l-annullament tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur u l-ordni ta' rilaxx kienet gusta fic-cirkostanzi u gie fil-fatt ikkonfermat, b'dan li osservat li fis-sentenza appellata sar accenn biss ghall-kumpens pekunarju fil-kuntest ta' l-**artikolu 6**, u la darba l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ma sabitx vjolazzjoni tal-**artikolu 6** ma kienx hemm kumpens x'jigi likwidat jew moghti. Dan ifisser li kif qed isostnu l-intimati l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet finalment il-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, tant li kkonfermata ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-artikolu wiehed tal-Konvenzjoni u iddikjarat id-dikjarazzjoni tal-Gvernatur nulla u bla effett u

ordnat ir-rilaxx tal-proprjeta’ mmobiljari lir-rikorrenti u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti fil-kuntest tal-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni** u hasret u irrevokat l-istess l-ewwel decizjoni fil-kuntest tal-bqija, b’dan ghalhekk li sabet li ma hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u allura ma kienx hemm lok ta’ likwidazzjoni ta’ kumpens pekunarju, ghaliex tali kumpens pekunarju kien limitat biss bis-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti ma’ ksur ta’ l-**artikolu 6**. Dan ifisser naturalment ukoll li tali thassir u revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, kien jinkludi dik il-parti fejn l-istess l-Ewwel Qorti irriservat li tipprovdi dwar it-talba ta’ kumpens, u dan ghaliex ovvjament bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, dan ma kienx izjed il-kaz ghaliex dik l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ma sabet l-ebda ksur tal-**artikolu 6**.

“Illi dan ifisser li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar 2007 fl-ismijiet premessi kienet wahda finali b’dan li t-talbiet tar-rikorrenti gew decizi fit-totalita` taghhom; la darba dan huwa l-kaz ifisser ukoll li **l-artikolu 235 tal-Kap 12** lanqas japplika ghall-kaz in ezami u dan peress li jirrizulta li ma kien hemm ebda talba li ma gietx deciza mill-Ewwel Qorti, kemm ghaliex kif inghad is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali jidher li ddecidiet kull talba li kien hemm *da parte* tar-rikorrenti u wkoll peress li bil-mod kif giet deciza finalment l-istess pendenza mill-Qorti Kostituzzjonali, l-istess decizjoni rrevokat dik il-parti tas-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti fejn l-istess Qorti irriservat jekk ikun il-kaz li tillikwida xi forma ta’ kumpens, proprju ghaliex sabet li la darba ma hemm l-ebda ksur ta’ l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ma kien hemm ebda kumpens x’jigi likwidat favur ir-rikorrenti u b’hekk certament ma jistax jinghad li dan huwa kaz ta’ *ommissa decisio* mill-Ewwel Qorti.

“Illi ovvjament l-**artikolu 235** ma japplikax ghall-Qorti tat-Tieni Istanza, u dan qed jinghad apparti l-fatt li jirrizulta mill-istess decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonal li l-istess kienet tindirizza t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ma kien hemm l-ebda talba li ma gietx deciza. Fl-istess waqt jinghad li r-riserva li ghamlet l-ewwel Qorti fid-decizjoni

taghha ma kenitx tammonta ghat-thollija barra tat-talba, anke ghaliex kieku kien hemm l-artikoku 235 kien japplika minn dak in-nhar li nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-prim’istanza, haga li lanqas qed tigi vantata mill-istess rikorrenti.

“Illi f’dan il-kuntest jinghad li allura kien ghalhekk li l-kaz ma giex rinvjat mill-Qorti Kostituzzjonali lill-Ewwel Qorti u dan ghaliex ma kienx il-kaz, u peress li t-talbiet kollha gja jinsabu decizi.

“Illi fl-ahhernett din il-Qorti tirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fejn iddikjarat li jibqa’ riservat kull dritt spettanti lir-rikorrenti appellata ghall-hlas dovut lilha ghall-okkupazzjoni u uzu minn terzi tal-proprjeta` in kwistjoni fuq il-medda ta’ zmien u din il-Qorti thoss li jirrizulta din ir-riserva saret b’referenza ghad-dritt civili ordinarju tar-rikorrenti.

“Illi ghalhekk ir-rikors tal-intimati tal-20 ta’ Frar 2007 qed jigi milqugh.

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tar-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq tal-5 ta’ Marzu 2007, tilqa’ t-talba tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet fir-rikors taghhom datat 20 ta’ Frar 2007 b’dan illi:-

1. Thassar u tirrevoka d-digriet ta’ din il-Qorti tat-22 ta' Jannar 2007 illi permezz tieghu ordnat illi din il-kawza tigi riappuntata ghas-smigh u li permezz tieghu ukoll, abbazi tal-fatti kif prezentati mir-rikorrent biss, regghet fethet l-istadju tal-gbir tal-provi f'din il-kawza billi tat zmien lir-rikorrenti biex iggib provi bl-affidavit, u

2. Tordna l-isfilz ta' kull affidavit li seta’ gie prezentat mir-rikorrent in segwitu ghall-istess digriet, u

3. Tikkancella l-kawza odjerna minn fuq il-lista ta' kawzi imqeghda ghas-smigh *stante* illi l-istess kawza giet

deciza finalment bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007.

“Illi konformament ma’ dak hawn deciz din il-Qorti tiddikjara li l-**artikolu 235 tal-Kap 12** ma japplikax ghall-kaz odjern u ghalhekk tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq datat 15 ta’ Jannar 2007 billi fil-waqt li tilqa’ r-risposta tal-Avukat Generali *et* datata 13 ta’ Marzu 2007 in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz **tichad it-talba tar-rikorrenti hemm indikata.**

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq.”

**8.** Agnes Gera de Petri Testaferrara Bonici Ghaxaq appellat minn din is-sentenza b’rikors presentat fis-6 ta’ Dicembru 2007. Hi tilmenta, bazikament, li l-Prim Awla ma fehmitx dak li ddecidiet din il-Qorti bis-sentenza taghha tat-8 ta’ Jannar 2007. Skond hi dik is-sentenza (tat-8 ta’ Jannar 2007) halliet mhux deciza – anzi rriservatha espressament – il-kwistjoni tal-kumpens ghad-danni li hija sofriet in konsegwenza tal-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll, danni li (dejjem skond l-appellanti) kellhom jigu decizi mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) u, jekk ikun hemm appell, minn din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali).

**9.** Din il-Qorti semplicement ma tistax tifhem l-insistenza ta’ l-appellanti odjerna li tipprova tikkapovolgi kollox u taghmel opak u konfuz dak li hu car u kristallin. Fis-sentenza taghha tat-18 ta’ Jannar 1999 il-Prim Awla kienet ghamlitha cara ghal dak li jirrigwarda l-ksur ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll, li <u>d-dikjarazzjoni tan-nullita` ta’ l-esproprjazzjoni maghmula fl-1958 kien rimedju sufficjenti</u>. In fatti dik il-qorti qalet espressament hekk (u dan gie ribadit anke fis-sentenza llum appellata): **“Illi ir-rimedju ghall-ksur ta’ l-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea hija d-dikjarazzjoni li l-esproprjazzjoni maghmula fl-1958 hija nulla. <u>Din ghandha tkun sufficjenti</u>.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali). Agnes Gera de Petri

Testaferrata Bonici Ghaxaq ma appellatx minn dik is-sentenza – appellaw biss l-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet – u allura anqas appellat minn din il-parti, appena citata, tas-sentenza; hija qatt ma setghet tippretendi li l-Qorti Kostituzzjonali, fuq appell ta' haddiehor, twarrab id-decizjoni li d-dikjarazzjoni kienet rimedju sufficjenti ghall-ksur tal-Art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll u minflok tghaddi biex izzid ukoll ir-rimedju ta' kumpens ghad-danni. Dawn id-danni gew kontemplati mill-Prim Awla biss fir-rigward tal-ksur ta' l-Artikolu 6; pero` l-Qorti Kostituzzjonali sabet li ma kienx hemm ksur ta' dana l-Artikolu 6. Kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza llum appellata, jigifieri fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2007, dak li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 2007 kien li rriservat lill-appellata Agnes Gera de Patri Testaferrata Bonici Ghaxaq li tfittex, bi proceduri ordinarji, ghall-kumpens ossia hlas dovut ghall-okkupazzjoni w uzu minn terzi tal-proprjeta` taghhom fuq medda ta' zmien, f'liema kuntest kellu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-fond taghha kien gie in parti restawrat (wara l-gwerra) minn fondi pubblici. Konsegwentement is-sentenza tal-Prim Awla tad-29 ta' Novembru 2007, anke jekk ftit twila aktar milli hu neccessarju, hija ineccepibbli.

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell interpost bir-rikors tas-6 ta' Dicembru 2007, u tikkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta' Novembru 2007, bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------